MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 253/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Sciberras)**
**Vs**
**Ali Ibrahim Mesbah Wadi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), talli f'dawn il-Gzejjer, fit-8 t'Awissu, 2005 f'xi hin bejn is-sitta (18.00 hrs) u t-tmienja (20.00 hrs) ta' filghaxija, gewwa l-Ghadira, Mellieha,
1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Candice Muscat f'periklu car permezz ta' arma, strument jew ghodda, izda bil-hsieb li jikkagunalha hsara fil-gisem u jew fis-sahha u/jew iggiblu disordni fil-mohh wera dan bi hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur tal-artikolu 64, 214, 216, 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Candice Muscat sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmillha hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess arma regolari cioe' mus minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4) fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxen jew indicenti u ghamel atti jew gesti oxxeni w dan bi ksur tal-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi b'ghemil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta' tas-sess femminili u cioe' lil Manuela Cortis ta' nazzjonalita' Maltija, u dan bi ksur tal-artikolu 203(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8) gewwa l-Qawra fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 t'Awissu, 2005, f'xi hin ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku w cioe' PS 559, PS 746, PC 1403 u ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9) fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ta daqqa ta' ras fit-triq lil PS 559 J. Spiteri, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 t'Awissu, 2005, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti w ikkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 t'Awissu, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla w thassar is-sentenza appellata w tpoggi lill-esponent fl-istess posizzjoni li kien wara illi saret ammissjoni fl-interrogatorju w f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-htija, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghall-kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- 1. in-nullita' tas-sentenza stante li l-ewwel Qorti naqset a tenur ta' l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta , issemmi l-artikoli illi jikkontemplaw ir-reat. 2. li l-Ewwel Qorti naqset li tfiehem lill-imputat illi ma jifhimx bil-lingwa Maltija, l-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni fl-interrogatorju. 3. li l-piena hija eccessiva.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel aggravju '**

**Ikkonsidrat ;**

**Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tal-Magistrati , meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>**

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" **[9.9.2002];** "Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002] u ohrajn)**

**Illi fil-kaz in ezami, jidher manifest li l-Ewwel Qorti – x'aktarx bi zvista – fid-*decide* naqset li ssemmi l-artikoli tal-ligi li tahthom sabet htija fil-konfront tal-appellat, ghalkemm fejn irriproduciet l-akkuzi kontra l-appellant hemm indikati artikoli li huma l-istess artikoli indikati mill-Prosekuzzjoni mall-prezentata tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti. Di fatti l-ewwel parti tas-sentenza hija biss riproduzzjoni "*verbatim*" tal-akkuzi.**

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jissodisfax il-vot tal-ligi kif espress fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali fuq citat. Mhux bizzejjed li l-Ewwel Qorti tghid x' kienu l-artikoli indikati fl-akkuza, kif ghamlet f' dan il-kaz, imma trid, wara li taghmel id-debita verifika w tara li l-htija rizultanti verament taqa' taht l-artikoli citati mill-Pulizija jew uhud minnhom – ghax mhux l-ewwel darba li dawn ikunu ghal kollox zbaljati jew m'ghandhom x' jaqsmu xejn mall-akkuzi dedotti – ticcita fil-parti deciziva tas-sentenza l-artikolu jew artikoli li tahthom tkun sabet htija taht kull akkuza. Il-mankanza ta' dan l-ezercizzju rikjest espressament mill-ligi fl-artikolu 382 fuq citat jirrendi s-sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nulli.

**In vista li s-sentenza ser tigi dikjarata nulla, mhux il-kaz li f' dan l-istadju din il-Qorti tidhol biex tiddeciedi l-aggravji l-ohra tal-appellant.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kaz jerga' jigi deciz mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------